# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2021

**Rikors Numru : 242/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**RM**

**U**

**LM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' RM u LM datat 11 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewgu fit-28 ta' Novembr 1987, skont kif jidher mill-Att taz-zwieg relattiv bin-numru ta' iskrizzjoni 2047/1987, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, ossia :- LNM, li twieldet f'W, AM imwielda f'X; TM, imwielda f'Y u IM, imwieled f'Z, liema ulied huma lkoll maggorenni. Certifikati relattivi tat-twelid hawn annessi u mmarkat Dok B – Dok E rispettivament;*

*Illi fit-30 ta' Mejju 2003 twieldet ukoll JM li ghalkemm registrata bhala wild ir-rikorrenti LM (Dok F), mhix il-bint bijologika tal-istess rikorrent (Dok G)*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom ufficjalment separati sa mis-26 ta' Settembru 2002, u dan kif indikat mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn*

*anness u mmarkat Dok. H, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

*Illi llum-il gurnata, il-partijiet jghixu hajja totalment separati minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal- Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ebda arretrati ta' manteniment ma huma dovuti bejn il-partijiet u lanqas ma jezistu pendenzi ohrajn bejniethom;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg u dan kif anke kkonfermat mill-partijiet infushom fid-dikjarazzjonijiet guramentati hawn annessi u mmarkati bhala Dok. RM u Dok LM.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar it-28 ta' Novemnbru 1987, ai termini tal-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RM** xehdet (vide affiavit fol 3 ) illi izzewget lil LM nhar it-28 ta' Novembru 1987, u li minn dan iz-zwieg twieldu erbat it-tfal, llum kollha adulti. Sostniet illi filfat dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar is-26 ta' Settembru 2002, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Ikkonfermat illi kellha tifla minn relazzjoni extra-matrimonjali u ma kinitx bint bijologika tal-istess LM. Rreteniet illi llum il-gurnata l-partijiet ghandhom hajjiet totalment separata minn xulxin u t-tnejn li huma ghandhom relazzjonijiet ma terzi. Finalment ddikjarat li bi ftehim ma' zewgha, jaqblu illi ghandhom jipprocedu ghad-divorzju.

**LM** xehed (vide affidavit fol 4) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Novembru 1987, liema zwieg jgib certifikat numru 2047/87 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, llum kollha adulti.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 26 ta' Settembru 2002 (vide Dok. H fol 12 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2047/87 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**